

Brussell, 22 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14409/25

MAP 95
DELECT 159

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 7085 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'22.10.2025 li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti għall-kuntratti pubbliċi ta' provvista, servizzi u xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn għas-snin 2026–2027

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 7085 final.

Mehmuż: C(2025) 7085 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.10.2025
C(2025) 7085 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'22.10.2025

**li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-
limiti għall-kuntratti pubbliċi ta' provvista, servizzi u xogħlijiet, u għall-
kompetizzjonijiet ta' disinn għas-snin 2026–2027**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE¹, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex tirrevedi l-limiti għall-kuntratti pubbliċi ta' provvista, servizzi u xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn.

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/24/UE jipprevedi wkoll il-proċedura ta' urġenza li għandha tintuża, f'konformità mal-Artikolu 88 ta' dik id-Direttiva, f'każ ta' restrizzjonijiet ta' żmien.

F'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/24/UE, il-limiti għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-medja tal-valur ta' kuljum tal-euro, fit-termini tad-drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs, special drawing rights), matul perjodu ta' 24 xahar, li jintemm fil-31 ta' Awwissu ta' qabel ir-reviżjoni, b'effett mill-1 ta' Jannar. Għaldaqstant, il-kalkolu tal-limiti ma jistax jibda qabel l-1 ta' Settembru għal raġunijiet ta' disponibbiltà tad-data. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 6(4) ta' dik id-Direttiva, il-limiti riveduti (f'euro) u l-valuri korrispondenti tagħhom fil-muniti nazzjonali ta' pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea jridu jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-bidu ta' Novembru.

Fid-dawl ta' dan kollu, u sabiex tintlaħaq l-iskadenza msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni qed tuża l-proċedura ta' urġenza biex tadotta dan ir-Regolament.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Grupp ta' Esperti tal-Gvern tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist Pubbliku ġie kkonsultat dwar dan ir-Regolament u dwar il-Komunikazzjoni li takkumpanjah.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-kalkolu tal-limiti għad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku huwa operazzjoni purament matematika. Għalhekk, ir-reviżjoni tal-limiti hija biss eżerċizzju tekniku. Dan irid isir kull sentejn f'konformità mat-termini tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA, Government Procurement Agreement). L-iskop tal-aġġustamenti hu li jsiru korrezzjonijiet għal kull ċaqliq fil-muniti bejn il-firmatarji li jkun jaffettwa l-punt sa fejn is-swieq tal-akkwist tagħhom li huma miftuħa għall-kompetizzjoni minn kumpaniji f'pajjiżi firmatarji oħra.

Il-GPA jistabbilixxi l-limiti tal-SDRs u għandu mekkaniżmu għall-kalkolu mill-ġdid tal-valur ekwivalenti fil-muniti tal-partijiet tiegħu kull sentejn. Dan il-mekkaniżmu jingħata effett legali permezz tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Għal raġunijiet ta' konsistenza, dawk il-limiti fid-Direttiva 2014/24/UE li mhumie x koperti mill-GPA għandhom jiġu allinjati wkoll.

¹ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj>).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'22.10.2025

li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti għall-kuntratti pubbliċi ta' provvista, servizzi u xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn għas-snin 2026–2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5), it-tieni subparagrafu, tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE², il-Kunsill approva l-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern³ konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim emendat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern ("il-Ftehim") huwa strument plurilaterali u l-iskop tiegħu hu li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Il-Ftehim japplika għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist b'valur akbar minn jew daqs l-ammonti ("limiti") stabbiliti fih, u espressi f'termini ta' drittijiet speċjali ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-oġettivi tad-Direttiva 2014/24/UE huwa li l-awtoritajiet kontraenti li jkunu qed japplikaw dik id-Direttiva jkunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. Sabiex jiġi żgurat li l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4, il-punti (a), (b) u (c), tad-Direttiva 2014/24/UE jikkorrispondu għal-limiti stabbiliti fil-Ftehim, il-limiti stabbiliti f'dik id-Direttiva jenħtieġ li jiġu riveduti. F'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva jenħtieġ li jiġu allinjati mal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4, il-punti (a) u (c), ta' dik id-Direttiva.
- (3) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrevedi l-limiti kull sentejn, b'effett mill-1 ta' Jannar. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-limiti għas-snin 2026 u 2027 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/24/UE tiġi emendata kif xieraq,

¹ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj>.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2014/115\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2014/115(1)/oj)).

³ ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/prot/2014/115/oj>.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/24/UE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-punt (a), “EUR 5 538 000” huwa sostitwit b’“EUR 5 404 000”;
 - (b) fil-punt (b), “EUR 143 000” huwa sostitwit b’“EUR 140 000”;
 - (c) fil-punt (c), “EUR 221 000” huwa sostitwit b’“EUR 216 000”;
- (2) fl-Artikolu 13, l-ewwel paragrafu huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-punt (a), “EUR 5 538 000” huwa sostitwit b’“EUR 5 404 000”;
 - (b) fil-punt (b), “EUR 221 000” huwa sostitwit b’“EUR 216 000”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22.10.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN